# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn tletin (30) ta' Jannar 2017**

**Rikors Numru 61/15 FDP**

**John Mary Casha**
**(ID 241457M)**

**vs**

**Eucharist Bajada**
**(ID 375069M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Frar 2016 fejn l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) rappresentanti flus li kellhom jithallsu b'cekk tal-Bank of Valletta mahrug u ffirmat mill-konvenut milkontijiet ta' Synergy International Services Limited, liema cekk gie mibgut lura bhala 'referred to drawer'.

Bl-ispejjez, inkluz tal-Ittra Ufficjali Nru 266/14 u bl-imghax mid-data ta' l-Ittra Ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimat fil-gazzetta tal-Gvern tat 12 ta' Gunju 2015 (fol 10), bl-affissjoni fl-ghassa tal-Mosta, Kunsill Lokali tal-Mosta w l-indiriz tieghu tal-Mosta fl-10 ta' Gunju 2015 (fol 11 tergo) u fuq il-gazzetta l-Orizzont tal-24 ta' Gunju 2015 (fol 14).

Rat illi fit 8 ta' Lulju 2015 l-intimat ippresenta l-eccezzjonijiet tieghu fejn eccepixx, preliminarjament, illi l-pagament garantit bic-cekkmeritu tal-kawza odjerna huwa in forza ta' ftehim li fuqu l-intimat dehel biss bhala garanti semplici ta' debitur principali, u ghalhekk kien qieghed jecepixx l-beneficcju tal-eskussjoni tad-debitur principali. Ecepixxa wkoll illi l-attur irid jaghti provi li l-obbligazzjoni garantita mill-intimat ma hijiex gia sodisfatta u dana peress illi l-intimat huwa tal-fehma konvinta lima hemm ebda ammont ulterjuri x'jithallas.

Rat illi fis-26 ta' Ottubru 2015 il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jittransigu.

Rat illi fil-15 ta' Frar 2016, wara illi l-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu ffirmaw ftehim, il-Qorti giet mgharrfa illi l-intimat ma onorax il-ftehim u ghalhekk ma kien sar ebda pagament.

Rat illi fit-22 ta' April 2016 l-intimat gie imharrek jixhed izda ghalkemm saru erbgha tentattivi ta' notifika, huwa ma instabx.

Rat illi fil-15 ta' Gunju 2016 l-intimat reggha gie imharrek jixhed izda ma giex notifikat fl-indirizz illi l-intimat kien nizzel fl-eccezzjonijet tieghu.

Rat illi fit-3 ta' Novembru 2016 l-intimat reggha gie imharrek, izda ma gex notifikat.

Rat illi fis seduta tas-26 ta' Jannar 2017, ir-rikorrent ippresenta kapitolu fil-konfront ta' l-intimat (fol 38).

Rat illi fis-seduta ta' llum, 30 ta' Jannar 2017, l-intimat gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Rat illi, tul il-proceduri odjerni, l-intimat qatt ma deher quddiem dina l-Qorti, ghalkemm kien hemm tnax-il seduta wara illi huwa ppresenta l-eccezzjonijet tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur ta' l-attur jghid li t-talba attrici ghadha dovuta, issib li t-talba tal-attur kif mitluba tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' hamest elef Euro (€5,000), ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.**

**Spejjez u Imghax legali kontra l-konvenut kif mitluba fil-avviz promotur.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**